22001D0029



**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 29/2001**

**tat-30 ta' Marzu 2001**

**li temenda l-Anness I (Materji veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT taż-ŻEE,

Minkejja il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat mill-Protokoll lil jaġġusta l-ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, li minn issa 'l quddiem imsejjaħ bħala "il-Ftehim" u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Minkejja:

(1) L-Anness I tal-Ftehim emendat permezz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1891999 tas-17 ta' Diċembru 1999 ([1]).

(2) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/608/KE tal-10 ta' Settembru 1999 li temenda l-Annessi ta' Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE dwar il-ħtiġiet tas-saħħa annimali applikabbli għall-kummerċ fi ħdan il-Komunità u l-importazzjoni ta' l-isperma ta' annimali domestiċi u speċi porċini ([2]) għandha jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/724/KE tat-28 ta' Ottubru 1999 li temenda l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE dwar il-ħtiġiet tas-saħħa annimali u tas-saħħa pubblika li jiggvernaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet ġewwa l-Komunità tal-prodotti li mhumiex suġġetti għall-ħtiġiet imsemmija fl-Anness A (I) tad-Direttiva 89/662/KEE u, fir-rigward tal-patoġeni, Direttiva 90/425/KEE ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/89/KE tal-15 ta' Novembru 1999 li temenda id-Direttiva 91/494/KEE dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa annimali li jiggvernaw il-kummerċ u l-importazzjoni fi ħdan il-Komunità minn pajjiżi terzi ta' laħam tat-tiġieġ frisk ([4]) għandha jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/90/KE tal-15 ta' Novembru 1999 li temenda Direttiva 91/494/KEE dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa annimali li jiggvernaw il-kummerċ u l-importazzjoni fi ħdan il-Komunità minn pajjiżi terzi ta' tiġieġ u ta' bajd li jfaqqsu ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/39/KE tas-16 ta' Diċembru 1999 li temenda l-Anness B tad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE dwar il-ħtiġiet tas-saħħa annimali applikabbli għall-kummerċ fi ħdan il-Komunità u l-importazzjoni ta' l-isperma ta' annimali domestiċi u speċi porċini ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Iżlanda u l-Liechtensteien.

---

([1]) ĠU L 74, tal-15.3.2001, p. 24.
([2]) ĠU L 242, ta' l-14.9.1999, p. 20.
([3]) ĠU L 290, tat-12.11.1999, p. 32.
([4]) ĠU L 300, tat-23.11.1999, p. 17.
([5]) ĠU L 300, tat-23.11.1999, p. 19.
([6]) ĠU L 13, tad-19.1.2000, p. 21.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-qasam li ġej jiżdied mal-punt 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE) fil-Parti 4.1 u l-punt 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/5 39/KEE) fil-Parti 8.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I ta' dan il-Ftehim:

"– **399 L 0090**: Direttiva tal-Kunsill 1999/90/KE tal-15 ta' Novembru 1999 (ĠU L 300, tat-23.11.1999, p. 19)."

*Artikolu 2*

Il-qasam li ġej jiżdied wara l-punt 8 (Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE) fil-Parti 4.1 u l-punt 7 (Id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE) fil-Parti 8.1 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I ta' dan il-Ftehim:

"– **399 D 0608**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/608/KE tal-10 ta' Settembru 1999 (ĠU L 242, ta' l-14.9.1999, p. 20).

– **32000 D 0039**: rozhodnutí Komise 2000/39/ES ze dne 16. prosince 1999 (ĠU L 13, tad-19.1.2000, p. 21)."

*Artikolu 3*

Il-qasam li ġej jiżdied wara fil-punt 2 (Id-Direttiva tal-Kunsill 91/494/KEE) fil-Parti 5.1 u l-punt 9 (Direttiva tal-Kunsill 91/494/KEE) fil Parti 8.1 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim:

"– **399 L 0089**: Direttiva tal-Kunsill 1999/89/KE tal-15 ta' Novembru 1999 (ĠU L 300, tat-23.11.1999, p. 17).".

*Artikolu 4*

Il-qasam li ġej jiżdied fil-punt 7 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE) fil-Parti 5.1 punt 15 (Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE) fil-Parti 6.1 u l-punt 16 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE) fil-Parti 8.1 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-ftehim:

"– **399 L 0724**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/724/KE tat-28 ta' Ottubru 1999 (ĠU L 290, tat-12.11.1999, s. 32).".

*Artikolu 5*

It-testi tad-Deċiżjoniiet tal-Kumissjoni 1999/608/KE, 1999/724/KE u 2000/39/KE u Direttivi tal-Kunsill 1999/89/KE u 1999/90/KE fil-lingwa Norveġiża, pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Kommunitajiet Ewropej*, għandhom jkunu awtentiċi.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 Marzu 2001, iżda n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-ftehim saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

(*) L-ebda ħtieġa kostituzzjonali ma hija indikata.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata mis-Sezzjoni taż-ŻEE, tas-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Kommunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, 30 ta' Marzu 2001.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

P. WESTERLUND